# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 172/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**James Magri**

Illum 20 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **James Magri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 153977(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Awwissu 2018 għal ħabta ta' 20.00hrs fl-inħawi ta' Sqaq il-Kalkara, Dingli u f'dawn il-Gżejjer:

1. ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu għasafar li huma protetti taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Ċikonja Bajda *Ciconia ciconia* (Inkluż fi Skeda I) mhux skont dawn ir-Regolamenti u mhux skont il-

kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħthom u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser xi dispożizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni mposta minn jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u ċioè billi ttenta jżomm lil xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew teħid tiegħu huma projbiti taħt dawn ir-Regolamenti, u ċioè Cikonja Bajda *Ciconia ciconia* (inkluż fi Skeda I), mhux skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dawk l-għasafar ma kienux ġew iddikjarati u reġistrati mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u meta ma kienx ingħata l-permessi jew ċertifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex iżomm dawk l-għasafar u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser xi dispożizzjoni, restrizzjoni jew projbizzjoni mposta minn jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u ċioè billi ttenta jżomm li xi għasfur, kemm ħaj u kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew III, u ċioè Ċikonja Bajda *Ciconia ciconia* (Inkluż fl-Iskeda I), meta dawk l-għasafar ma kienux ittieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikunu jistgħu jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-Liġijiet ta' dak l-iStat Membru l-ieħor u dak l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat bil-L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè Ċikonja Bajda *Ciconia ciconia* (Inkluż fi Skeda

I) u dan bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja fuq l-art xi għasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II u ċioè Ċikonja Bajda *Ciconia ciconia* (Inkluż fi Skeda I) u dan bi ksur ta' Regolament 5(3)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma jkun japplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u meta ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

7. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar mhux fuq il-baħar, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja xi għasfur jew ġarr munizzjon jew arma tan-nar barra l-għata tagħha u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

8. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarr arma tan-nar li kienet ikkargata jew bl-iskrataċ fil-kompartiment tal-iskrataċ tal-arma jew barra l-għata tagħha f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kaċċa u dan bi ksur ta' Regolament 17 u ta' Regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba li, minbarra l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti.

Il-Qorti ntalbet ukoll li tordna r-revoka permanenti ta' kull liċenzja maħruġa taħt il-L.S. 549.42 u Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija hekk kif stabbilit taħt il-proviso ta' Regolament 27(2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Ġunju 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Regolament 17, 18(1)(a), 27(1)(d), 27(2)(a) u 27(3)(a) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500). *Ai termini* ta' Regolament 27(2)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* kif ukoll is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa lill-imputat taħt ir-Regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*tikkonferma s-sentenza in kwantu ġie lliberat l-akkużat u ċioè mill-ewwel (1) sas-sitt (6) imputazzjoni u tvarjaha u tibdilha in kwantu jikkonċerna l-ħtija taħt is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni, u minflok tilliberah minnhom, u f'każ biss illi din l-Onorabbli Qorti ma takkoljix dawn l-aggravji, tbiddel il-piena nflitta għal waħda ekwa, ġusta u miti in vista tal-fatti odjerni.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jingħad li l-appell tal-appellant f'dan il-każ jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija tiegħu fis-sentenza appellata fir-rigward tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni. L-appellant allura imputat ġie liberat mill-ewwel sitt imputazzjonijiet.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mill-istqarrija (Dok. "CS 5" – *a fol.* 5 *et seq.*) tal-appellant jirriżulta li huwa għandu liċenzji tal-kaċċa tal-art fuq l-għasafar, tal-fenek u tal-plattini u li għandu ħames armi. Huwa stqarr li kellu għalqa Ħad-Dingli u li kien fiha fl-10 ta' Awwissu 2018 għal ħabta tal-4.30pm. Jgħid ukoll li għal xi s-7.30pm kienu ħdejh ċertu Shemizen u Roderick u li telqu minn hemm bejn it-8.00pm u t-8.15pm. Jgħid li miegħu kellu senter pero' jinnega li kien spara fuq iċ-ċikonji għalkemm sema' xi tliet jew erba' tiri.

- **Roderick Galea** (*a fol.* 41 *et seq.*) xehed li dakinhar tal-akkadut mar l-għalqa tal-appellant u li meta wasal kien hemm diġa' ċertu Shemizen. Jgħid li marru biex jgħidu kelma u jieħdu kafé u li setgħu jinnutaw li kien hemm numru ta' ċikonji li bdew itiru u f'ħin minnhom ftit minnhom ressqu lejhom u semgħu xi tiri. Jixhed li l-appellant mar u qalilhom biex jagħlqu u jitilqu lejn id-dar. Jgħid li l-appellant deher imgerfex u mfixkel u li kien qalilhom biex jitilqu għaliex kien spara iżda ma jafux fuq xiex għax ma raw xejn. Jgħid li waqt telefonata aktar tard l-appellant qallu ""*għax għaffiġtha*"" (*a*

*fol.* 45). Jgħid li x'ħin telqu mill-post ma rax is-senter f'idejn l-appellant.

- Da parte tiegħu, **Shemizen Borg** (*a fol.* 51 *et seq.*) xehed li kien mar ġol-għalqa tal-appellant f'Ħad-Dingli għal xi s-6.15pm u li x'ħin wasal sab lill-appellant bis-senter u wara mar ċertu wieħed Roderick. Jgħid li xi ħin wara tfaċċaw iċ-ċikonji u li l-appellant kien iċċaqlaq minn ħdejhom u wara ftit semgħu tliet tiri. Jispjega li ftit ħin wara l-appellant kien mar lura u qalilhom biex jagħlqu ħalli jitilqu. Jgħid li s-senter kien ħdejn l-appellant fil-parapett u li mbagħad ħadu miegħu.

- **Joseph Psaila** (*a fol.* 54 *et seq.*) xehed li hu ma setax jagħraf jekk l-appellant kienx ir-raġel li ra meta hu (Psaila) kien għaddej bir-rota u sema' xi sparar. Jgħid li r-raġel li kien lemaħ kellu senter f'idejh u ma baqax isegwih. Jixhed li kellu *camera* fuq ir-rota u kien ta l-filmat lill-iSpettur. Fil-kontro-eżami d-difiża ġibditlu l-attenzjoni li fir-ritratti la kien jidher is-senter u lanqas l-għasfur. Ix-xhud wieġeb li hu kien ra lir-raġel bis-senter u bl-għasfur. Lanqas ma kien jaf jekk s-senter u l-għasfur jidhrux fil-filmat. Jgħid li kien ra għasfur mejjet u ċempel lil *Bird Life*.

- Is-**Surġent Maġġur Eugenio Caruana** (*a fol.* 61 *et seq.*) xehed li l-appellant kien qalilhom liema senter kellu f'idu f'dik il-ġurnata. Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx mar fuq il-post u li sa fejn kien jaf hu kienet instabet tajra waħda.

- **PS 130 Roderick Farrugia** (*a fol.* 65 *et seq.*) u **PS 506 Derik Bugeja** (*a fol.* 68 *et seq.*) xehdu li kienu preżenti għat-tfittxijiet fid-dar tal-appellant u fl-għalqa tiegħu iżda dawn it-tfittxijiet irriżultaw fin-negattiv. Jirriżulta li sabu biss vetrina bl-għasafar ibbalzmati li huma kienu ssiġġillaw biex issir verifika dwar l-għasafar li kien hemm.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Colin Sheldon** (*a fol.* 70 *et seq.*) xehed li kien membru tal-*Bird Life* u Psaila li kienu

ndikawlu fejn kien l-għasfur. Jgħid li huwa kien qabeż, irkupra l-għasfur, u minkejja li fittex fl-akkwati ma sab xejn. Jgħid li hemm madwar mitt metru mit-tarf tal-isqaq sal-għalqa tal-appellant. Jgħid li ż-żewġ ċikonji l-oħra ma nstabux. Fil-kontro-eżami qal li fil-filmat jidher persuna qed jiġri bis-senter u b'għasfur f'idu. Jgħid: *"Sadanittant kien hemm għasfur ieħor iktar qabel il-kantuniera ta' fejn deher dan il-persuna jiġri kien qiegħed ġos-siġra mejjet, mal-ħajt tal-isqaq u kien hemm dan it-tielet stork li rkuprajt jiena, jiġifieri dawk tlieta żgur"* (*a fol.* 73).

- L-*Enforcement Officer* tal-*Bird Regulations Unit* **Kenneth Portelli** (*a fol. 77 et seq.*) qal li l-appellant għandu liċenzja għall-kaċċa fuq l-art u oħra għall-fenek selvaġġ li jiskadu fl-1 ta' Mejju 2021.

- Permezz ta' digriet (*a fol.* 104) mogħti fit-12 ta' Ottubru 2018, l-Ewwel Qorti ċaħdet talba tal-appellant sabiex jiġu sflizati s-CD u numru ta' ritratti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellant huwa primarjament dwar apprezzament ta' fatti. Huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel

> apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti xorta għamlet analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet raġonevolment issibu ħati tas-seba' (7) imputazzjoni. Jgħid li minn imkien ma jirriżulta li waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar mhux fuq il-baħar l-appellant ipprova jikkaċċja jew ikkaċċja xi għasfur u dan minkejja dak li stqarr mal-Pulizija li dak in-nhar huwa kien jinsab fl-għalqa tiegħu u kellu senter. Jargumenta li għandu liċenzja valida għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art u tal-plattini kif ukoll liċenzja biex jikkaċċja l-fenek selvaġġ b'dan illi dakinhar tal-10 ta' Awwissu 2018 l-istaġun għall-kaċċa tal-fenek kien miftuħ (bejn Ġunju 2018 u Diċembru 2018) u allura ma kien qed jagħmel ebda reat jekk kellu s-senter barra mill-għata tiegħu. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset li tieħu konjizzjoni tad-data tal-akkadut kif ukoll tal-permessi li kellu. Jisħaq li fl-għalqa tiegħu seta' jipprattika d-delizzju tal-kaċċa u li minn imkien ma' tirriżulta xi imputazzjoni taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.90 tal-Liġijiet ta' Malta (Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ).

Illi l-elementi tas-seba' (7) imputazzjoni huma s-segwenti:

- staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar mhux fuq il-baħar;
- tikkaċċja xi għasfur jew iġġorr munizzjon jew arma tan-nar barra l-għata tagħha.

Illi dwar l-ewwel element għandu jingħad li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrigwardaw l-10 ta' Awwissu 2018 b'dan illi jiġi nnutat li din id-data ma taqax fil-perjodu indikat fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li tiddisponi li l-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art għandha tkun permessa mill-1 ta' Settembru ta' kull sena sal-31 ta' Jannar tas-sena li jkun imiss.

Illi dwar it-tieni element jirriżulta li fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid li kellu senter miegħu u dan apparti l-fatt li fix-xiehda tiegħu Roderick Galea qal li l-appellant kien qallu li kien spara. Jirriżulta li t-tieni element ġie sodisfatt minħabba li ġie ppruvat li l-appellant kien qed iġorr arma tan-nar barra l-għata tagħha. Dan jirriżulta kemm minn dak li qal l-appellant stess fl-istqarrija tiegħu kif ukoll mix-xhieda u mill-fatt li huwa spara.

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li huwa għandu liċenzja għall-kaċċa tal-fenek u li l-kaċċa tal-fenek kienet permessa minn Ġunju 2018 sa Diċembru 2018. Minkejja dan, filwaqt li huwa minnu li fil-provi prodotti jissemma li l-appellant għandu tali permess għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ imma l-bqija fl-istess provi prodotti, inkluża fl-istqarrija tal-appellant, ħadd ma semma l-kaċċa tal-fenek selvaġġ. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant isostni li ma setax jinstab ħati tat-tmien (8) imputazzjoni. Jgħid li x-xiehda mogħtija minn Roderick Galea qatt ma tista' timplikah li huwa ħati stante li wieħed mir-Regolamenti importanti huwa li wieħed għandu jżomm l-arma ħdejh. Jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u li skont hu għandu jsegwi li t-tmien (8) imputazzjoni ma tirriżultax.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellant qal lil Roderick Galea li kien spara. Mill-istess provi jirriżulta wkoll li dan ma kienx spara proprju fejn kienu ltaqgħu biex jieħdu kafe' – jiġifieri fl-għalqa tal-appellant stess – għaliex kieku Galea u

Borg kien jarawh jispara u mhux jgħidilhom li hu spara, jasal fi stat ta' aġitazzjoni u jgħidilhom biex jitilqu mill-post. B'hekk isegwi li t-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jilmenta li din hija waħda eċċessiva u sproporzjonata u li hemm avarija enormi bejn il-piena li tiġi nflitta f'każijiet fejn persuna mhux biss tinstab ħatja ta' kaċċa illegali iżda wkoll b'fatti ferm aktar gravi minn dawk odjerni. Jgħid li hija inġustizzja wkoll li jittieħed is-senter u li jiċċaħħad mid-delizju tiegħu.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid

> jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċċitat hawn fuq. Wara li din il-Qorti għamlet analiżi ta' dak kollu li jirriżulta fl-atti proċesswali jirriżultalha li minkejja li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tista' tidher bħala waħda kemmxejn iebsa pero' ma nġabitx raġuni valida għala din il-Qorti għandha tbiddel tali piena. Fl-aħħar mill-aħħar il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-liġi u meħud in konsiderazzjoni dan kollu t-tielet aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant James Magri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**